MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 15/2004

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta’ estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha**
**John Irwin Turner u l-istess John Irwin Turner**

**Vs**

**Joseph Deguara**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ hames mija u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm520.95c) dovuti in kwantu ghas-somma ta’ erba’ mija u sitta u sebghin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm476.39c) bhala danni kkagunati fil-vettura ta’ l-attur John Irwin Turner, hdax-il lira Maltin u hamsin

centezmu (Lm11.50c) prezz ta' survey u tlieta u tletin lira Maltin u sitt centezmi (Lm33.06c) kwantu ghal hamest ijiem telf ta' uzu tal-vettura CBG 972, u dan b'rizultat ta' l-incident stradali li sehh fit-2 ta' Gunju, 2003 gewwa Regional Road, (Gzira Roundabout) waqt li l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura LAW 892 proprjeta' ta' Bartholomew Debono u dahal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBG 972 proprjeta' ta' l-attur John Irwin Turner u misjuqa minnu stess ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut Joseph Deguara kawza ta' imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut Joseph Deguara, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema' lil Dr Daphne Dodebier tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm520.95c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------